MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 412/2014

**Thomas Callus**

**vs**

**Wilfred Sciberras u Elmo Insurance Limited (C3500)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz datat 24 ta’ Gunju, 2014 li permezz tieghu l-attur qed jippremetti:

Illi sehh incident stradali nhar id-19 ta’ Frar, 2011 fi Triq Hal Far bejn il-vettura tar-rikorrenti bin-numru tar-registrazzjoni DAI-596 u l-vettura tal-intimat bin-numru tar-registrazzjoni IBA-

096 fejn Wilfred Sciberras instab hati tal-incident hekk kif deciz mis-sentenza l-Pulizija vs Wilfred Sciberras quddiem il-Magistrat Consuelo Scerri Herrera tal-14 ta' Gunju, 2011, kopja tas-sentenza mmarkata DOK A.

Illi l-intimat laqat il-karozza tar-rikorrent bil-konsegwenza li l-karozza tar-rikorrenti giet iccertifikata 'total loss' u dan kif muri mis-survey report mmarkat DOK B, kif ukoll ir-rikorrent sofra griehi ta' natura gravi b'konsegwenzi li ghamel xi zmien rikoverat id-dar u certifikati tat-tobba mmarkati DOK C, DOK D u DOK E.

Anness ukoll ir-Road Traffic Accident Insurance Report mmarkat DOK F u l-Isketch Report mmarkat DOK G.

Il-konvenuti nterpellati sabiex ihallsu l-ammont pretiz ta' Ewro 2900 (elfejn u disa' mija) diversi drabi baqghu nadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz il-kopja tal-PIRS 5/J/284/2011 taz-zewg ittri legali nterpellatorji datati 4 ta' Novembru, 2011 u 4 ta' Novembru, 2013 u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-Subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-Socjeta' Elmo Insurance Limited datata 15 ta' Lulju, 2014 fejn eccepixxiet:

Illi, preliminarjament, is-Socjeta' konvenuta mhix indikata tajjeb. L-isem korrett huwa Elmo Insurance Limited b'numru ta' registrazzjoni C3500. Ghalhekk l-attur ghandu jirregola ruhu.

Illi, preliminarjament, is-Socjeta' konvenuta tirrileva li l-azzjoni m'hiex kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal stante illi fejn jirrizultaw danni materjali minn incident stradali hija l-kompetenza esklussiva tac-Centru Malti tal-Arbitragg a tenur tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi preliminarjament it-talba attrici hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi, preliminarjament, is-Socjeta’ konvenuta mhix il-legittima kontradittrici tal-attur. Il-legittimu kontradittur tal-attur huwa biss il-konvenut l-iehor Wilfred Sciberras.

Illi, fil-mertu, fuq l-iskorta tal-fatt u cirkostanzi tal-incident, is-Socjeta’ konvenuta ghandha fil-pussess taghha bizzejjed evidenza sabiex tghid li ghalkemm fil-mument illi sehh l-incident, il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBA 096 kienet minnha assikurata, l-konvenut l-iehor Wilfred Sciberras, li kien qed isuq l-istess vettura waqt l-incident de quo, kiser il-kondizzjonijiet tal-polizza u mar kontra l-obbligi tieghu skont l-istess polizza. Ghalhekk, l-imsemmi konvenut Wilfred Sciberras huwa prekluz milli jinvoka l-istess polizza sabiex ikopri kwalsiasi obbligu tieghu naxxenti mill-imsemmi ncident.

Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, is-Socjeta’ konvenuta tghid li jekk jirrizulta li unikament minhabba d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, tkun obbligata taghmel tajjeb versu l-attur ghar-rigward tad-danni, mghax u spejjez fil-kaz li l-proceduri odjerni jkollhom ezitu sfavorevoli ghall-konvenut Wilfred Sciberras, allura hija jkollha thallas lill-attur salv id-dritt ta’ rivalsa taghha kontra l-istess konvenut Wilfred Sciberras ghal kull esbors erogat minnha.

Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, l-attur irid igib prova tal-htija ghall-incident awtomobilistiku de quo, liema prova tinkombi lilu skont il-ligi.

Illi, fejn jirrigwarda s-Socjeta’ konvenuta, m’hemmx danni x’jigu likwidati favur is-Socjeta’ konvenuta. Ghaldaqstant, m’hemmx lok ghall-kundanna tal-istess Socjeta’ konvenuta ghall-hlas ta’ danni favur l-attur.

Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi u bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut Wilfred Sciberras datata 16 t'Ottubru, 2014 fejn il-konvenut eccepixxa:

Illi preliminarjament jirreleva li l-azzjoni m'hiex kompetenza ta' dan it-Tribunal stante li fejn jirrizulta li danni materjali kkawzati minn incident stradali hija kompetenza tac-Centru Malti tal-Arbitragg Kap 387.

Illi preliminarjament it-talbiet atturi huma preskritti Art 2153 tal-Kap16.

Illi preliminarjament kwalsiasi, incident stradali fejn hemm involuti griehi tezorbita' mill-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-incident de quo sehh unikament tort tal-istess attur kif jirrizulta mill-istess Dok A ezebit mill-attur li ironjament jghid li fis-sentenza citata l-esponenti gie misjub hati ta' dan l-incident u b'hekk isegwi li ma hemmx danni x'jigu likwidati.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li minn issa huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra l-affidavits kollha u sema' x-xhieda.

Ra l-atti kollha tat-talba.

Ra l-verbal tal-ahhar seduta tat-Tlieta, l-24 ta' Frar, 2015 li permezz tieghu din it-talba thalliet ghas-Sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni tal-inkompetenza ta' dan it-Tribunal.

Illi in forza tal-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob li jithallas ghad-danni sofferti ghall-hsara ikkagunata mill-konvenut fuq il-vettura tieghu u ghall-griehi ta' "natura gravi" sofferti minnu minnhabba f'incident awtomobilistiku li sehh.

Illi giet prezentata Sentenza l-**Pulizija vs Wilfred Sciberras** fejn Wilfred Sciberras ma nstabx hati li *(1) meta b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u involontarjament ikkaguna danni lil Thomas Callus (2) u aktar meta b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku nvolontarjament ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Thomas Callus skont kif iccertifika Dr. M. Bellizzi MD, Reg 5218, mill-Isptar Mater Dei*. Illi nstab hati li saq meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. Illi ghalhekk ma hemmx sentenza li tiddikjara r-responsabilita` tal-konvenut lejn l-attur fil-kawza kriminali migjuba kontrih. (ara dok A)

Illi f'din il-kawza bhala provi tad-danni subiti gew prezentati biss dokumenti tal-Isptar Mater Dei u sahansitra fl-ittra ufficjali a dok 43 jghid illi l-attur *sofra griehi ta' natura gravi b'konsegwenza illi l-mittenti ghamel xi zmien rikoverat u ma setghax imur ghax-xoghol*". Illi mid-dokumenti jidher illi kellu *"Bruising …upper chest at site of seat belt … no other injury sustained" "ksur tal-kustija fuq in-naha tal-lemin … Grievous per durata."* Illi ma gewx prezentati ebda dokumenti jew ricevuti u lanqas inghatat spjegazzjoni ta' ezatt x'inhuma d-danni.

Illi l-konvenuti resqu diversi eccezzjonijiet ta' natura preliminari pero` l-ewwel u qabel kollox it-Tribunal ser jghaddi sabiex jezamina u jiddeciedi jekk ghandux il-kompetenza biex jiehu

konjizzjoni tat-talba attrici u dan ghaliex jista' jkun li tali kompetenza hija vestita fic-Centru Malti tal-Arbitragg *ai termini* tar-raba' skeda tal-kapitlu 387.

L-Att dwar L-Arbitragg (Kapitlu 387) jistipula fis-sub-paragrafu 1.2 tar-Raba' Skeda tieghu taht Arbitragg mandatarju:

*"1.2 Tilwimiet dwar it-traffiku ta' vetturi bil-mutur:*

*"Kull tilwima civili jew kummercjali, li ma tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma' talba ghal danni ghal hsara fil-persuna*[1]*, li tkun tilwima li torigina minn:*

*(a) kollizjoni bejn vetturi, jew;*

*(b) hsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi, jew*

*(c) talba bhal dik kontra assiguratur awtorizzat, kumpannija assiguratrici fuq il-hajja, underwriter approvat mill- Ministru responsabbli ghat-trasport jew persuna ohra li skond l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104) jew xi polza ta' assigurazzjoni, tista' tkun responsabbli dwarha, u*

*(d) li l-valur taghha ma jkunx jeccedi l-hdax-il elf u sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).*

It-Tribunal huwa konsapevoli tal-fatt illi hemm diversi sentenzi li jittrattaw dan is-suggett fid-dettal. Illi pero' din il-kwistjoni ghadha ma hiex risolta b'mod definitiv. Illi d-danni fil-kaz odjern sehhu minhabba incident awtomobilistiku jigifieri habta bejn karozza (numru tat-targa IBA 096) misjuqa minn Wilfred Sciberras mal-karozza ta' Thomas Callus (numru tat-targa DAI 596) b'dan illi kkagunalu danni kemm fuq il-vettura u kawzalu griehi fuq il-persuna tieghu. Illi ghalhekk it-talba taqa' that zewg kategoriji diversi.

[1] emfazi mizjuda

Illi l-hsara fuq il-vettura wahedha tinkwadra ruhha fl-artikolu 1.2 (a) ossia kollizzjoni bejn zewg vetturi. Illi pero' fil-kwistjoni ta' danni fuq il-persuna l-ligi hija cara illi l-Qrati Ordinarji ghandhom il-kompetenza esklussiva dwar tilwima li jkollu x'jaqsam ma' talba ghad-danni fil-persuna u ghall-dawk li jeccedu s-somma ta' hdax il-elf sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11.646.87c).[2]

Saret referenza ghall-kawza: **Paul Cardona vs Jean Pierre Azzopardi**[3] fejn it-Tribunal accetta li ghandu gurisdizzjoni. Dan kien kaz ta' kollizzjoni bejn vettura bil-mutur u bicikletta. It-Tribunal f'dan il-kaz qal:

*5. Fil-kaz in ezami kien hemm kollizzjoni bejn vettura bil-mutur u bicikletta. Jekk wiehed qed jinvestiga biss l-hsara fil-bicikletta tali tinkwadra ruhha taht is-subinciz (b) tal-imsemmi artikolu 1.2. fuq citat.*

*6. Pero` mit-trattazzjoni orali jidher li t-talba tirrigwarda danni rizultanti mill-hsara fil-persuna. Ghalhekk dan it-Tribunal fic-cirkostanzi huwa kompetenti sabiex jisma il-kaz.*[4]

Illi fil-kawza odjerna t-talba tammonta ghall-elfejn u disa' mitt Ewro (€2,900). Ghalhekk ghandna fuq naha l-attur li qed jitlob danni rizultanti minn kollizjoni bejn zewg vetturi li zgur jesorbita l-kompteneza kif indikata fl-artikolu1.2 (b) u minhabba l-istess kollizjoni l-attur qed jitlob danni fuq il-persuna li jidikkjarhom li huma "griehi ta' natura gravi". Il-parti l-kbira tal-ammont t'elfejn u seba mitt Ewro (€2700) ma jaqax taht il-gurizdizzjoni tat-Tribunal ghaliex huma danni kagjonati fuq il-vettura u mitejn Ewro (€200) huma ghall-danni fuq il-persuna liema danni ma gewx pruvati jew specifikati u ghalhekk huma dubjuzi ukoll.

It-Tibunal irrid jara x'kienet l-intenzjoni tal-legislatur meta stabilixxa t-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar biex jiddeciedi talbiet li huma *money claims.* Illi hareg mill-gurisprudenza.

[2] Ara Paul Cardona v Jean Pierre Azzopardi (TTZ/JR 6/5/2005 Talba Nru 750/2005

[3] Paul Cardona v jean Pierre Azzopardi 750/2005 JR deciza 06.05.2005

[4] Ibid.

*..li meta incident jkun sehh minhabba xi haga li ma jkollhiex x'taqsam mas-sewqan u allura wiehed jista jghid li il-kawza ghal-tali incident ma hijiex relata mas-sewqan. Il-kawza tal-incident awtomibilistiku x'kien? Meta l-incident jkun sehh minhabba xi haga relata mas-sewqan allura dak l-incident ikun relatat mas-sewqan u b'hekk ikun ic-Centru Malti ghall-Arbitragg li jkun kompetenti.*[5]

It-Tribunal ghandu ghalhekk il-kompetenza jaqta' sentenza dwar jekk persuna kellu responsabilta` ta' *dolo* u jew *culpa* f'incident stradali bjen zewg vetturi ossia f'sitwazzjoni li tkun relatata mas-sewqan fejn persuna soffra griehi? Ukoll fil-kaz ta' griehi fuq persuna ghandha tidhol il-kwistjoni jekk persuna qed titlob "*damnum emergenms* u/jew "*lucrum cessans*" jekk inhu il-kaz. Illi zgur jekk hija talba ta' '*lucrum cessans'* it-Tribunal m'ghandux il-kompetenza jidhol fil-kwistjoni. Illi ihoss illi fic-cirkostanzi ma kinitx l-intenzjoni li t-Tribunal tat-Talbiet Zghar jidhol f'kwistjonijiet ta' responsabilita` ta` sewwieq ta` vettura li jahbat gewwa vettura ohra. Ssemmai dawn it-tip ta' kawzi ghandhom jkunu il-gurisdizzjoni tal-Qrati Civili imma mhux ta' Tribunal li suppost jisma *money claims*. Illi kieku giet prezentata sentenza fejn il-konvenut instab hati talli saq u kkawza griehi fuq l-attur hekk it-Tribunal jkollu quddiemu kwistjoni li taqa' taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal.

**Decide**

Ghaldaqstant, in vista tac-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jichad it-talba.

Bl-ispejjes.

[5] Atlas PCC v Roberto Borg et 15.07.2013 VG

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------